MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 73/2009

**A B**
**vs**
**C D E, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri F E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi fil-5 ta’ Marzu 2002, gewwa l-Isptar San Luqa, il-Pieta’ twieled il-minuri bl-isem ta’ F E mill-konvenuta C D E u missier mhux maghruf, u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twlied immarkat Dok. A.

Illi kif se jigi pruvat fil-kors tal-kawza, il-minuri F E huwa l-wild naturali ta’ l-attur.

Illi minkejja interpellazzjoni gudizzjarja sabiex il-konvenuta C D E taccetta r-registrazzjoni ta’ l-attur bhala missier it-tifel minuri, u dan ai termini ta’ l-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. B.

Illi l-attur ma baqaghlu l-ebda alternattiva ohra sabiex jirrikonoxxi lil ibnu minuri hlief illi jintavola dawn il-proceduri.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri F E.

2. Tordna illi c-certifikati tat-twelid tal-minuri F E jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata ‘Isem u Kunjom Missier it-Tarbija’, jigu inseriti dawn il-konnotati u cioe’: A B, I.D. 003675(M), bin Francis u Maria Lourdes nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ u residenti Senglea.

3. Tiddikjara illi l-kunjom tal-minuri huwa B.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluza l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru 2008.

Il-konvenuta hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D E li biha rripsondiet:

1. Illi l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-provi li l-attur jrid igib il’ quddiem sabiex jipprova li ghandu d-dritt jaghmel it-talbiet tieghu f’ din il-procedura.

2. Illi huwa stramb u sintomatiku li l-attur jaghzel li jwarrab kull dubbju li talvolta seta’ kellu fil-konfront tal-paternita’ tal-minuri fil-kawza wara seba’ snin mit-twelid tat-tarbija, u issa jinbarka fuq spedizzjoni ta’ ricerka sabiex

ikompli jivvessa lill-esponenti li ma trid ebda relazzjoni mal-attur.

3. Illi ghal kull buon fini il-minuri F E ghandu jkun rapprezentat f' dawn l-atti mill-esponenti bhala l-persuna li ghandha s-setgha ta' genitur fil-konfront tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji ta' jekk missieru kienx haj meta twieled il-minuri sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu, dan id-dettal ikun jista' jigi inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett jekk it-talbiet jintlaqghu.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghal dan il-kaz u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu t-twegiba taghhom hekk kif ikunu jafu bil-fatti kollha.

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta C D E li biha ammettiet it-talbiet ta' l-attur;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel F E,li twieled mill-konvenuta C D E fil-5 ta’ Marzu 2002, u li jinsab registrat fuq l-att tat-twelid tieghu numru 933/02 bhala bin missier mhux maghruf, huwa fil-fatt it-tifel naturali u bijologiku ta’ l-attur A B;  kif ukoll talab il-korrezzjoni konsegwenzjali fl-imsemmi att tat-twelid.

Illi il-konvenuta C D E ammettiet it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet kollha ta’ l-attur fit-termini taghhom.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta C D E in kwantu ghal tlett kwarti [3/4], filwaqt li r-rimanenti kwart [1/4] ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------